# Il-Ħadd 19.04.2020

1. F'dan iż-żmien straordinarju minħabba l-COVID-19, waqt li nibqgħu nisimgħu sewwa u nħarsu d-direttivi li qed ningħataw mill-awtoritajiet tas-saħħa, u bħala nsara dak ukoll li jgħidulna l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex, ejjew nibqgħu wkoll ningħaqdu u nissaħħu bit-talb:

**NINKURAĠĠIXXU TALB PRIVAT,** u li għal din ir-raġuni,
**Il-Knisja Parrokkjali** ser tkun miftuħa:
- Mit-Tnejn sas-Sibt AM: bejn 7:30am u 8:00am; PM: bejn 6:00pm u 7:00pm
- Il-Ħadd AM: bejn 8:00am u 9:00am; PM: bejn 5:30pm u 6:30pm

**Il-Knisja ta' Santa Marija** tkun miftuħa bħas-soltu:
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa biss AM: bejn 8:00am u 12:00pm; PM: bejn 3:00pm u 6:00pm

**MINKEJJA LI MHUX ISIR QUDDIES** tajjeb insegwu x-xandiriet tal-Quddiesa fuq TVM2, www.knisja.mt, www.Quddies.com.mt, u Newsbook.com.mt kif indikat:
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: Fid-9:30am - Quddiesa u Ružarju quddiem Ġesù Ewkaristija mill-Kappella tal-Kurja
  Fil-5:30pm - Repetizzjoni tal-Quddiesa u Ružarju quddiem Ġesù Ewkaristija mill-Kappella tal-Kurja
- Is-Sibt: Fis-6:30pm - Quddiesa mis-Santwarju ta' Pinu, Għawdex
  Fis-7:00pm - Quddiesa għaż-Żgħażagħ
- Il-Ħadd: Fid-9:30am - Quddiesa mill-Knisja ta' S. Franġisk, Villambrosa - Ħamrun
  Fis-6:30pm - Quddiesa bl-Ingliż

**L-UFFIĊĊJU PARROKKJALI**, qed jinżamm jiffunzjona u wieħed jista' jinqeda billi:
- jibgħatli email:- **parrocca.safi@maltadiocese.org**, jew
- iċempilli fuq Tel. no.:- **21649223** (l-Uffiċċju), jew fuq Mob. no.:- **79604561** (Kappillan).

**NIEĦDU ĦSIEB XULXIN**, anke billi permezz ta' xi telefonata / video chat naraw li l-familjari / ġirien tagħna jkunu jinsabu tajbin u mhumiex imċaħħda minn xi bżonnijiet essenzjali tal-ħajja.
- Helpline għall-Anzjani ta' aktar minn 60 sena għal għajnuna ta' ikel u mediċina: **25903030**.
- Helpline għal min qed iħossu waħdu jew jixtieq jibqa' f'kuntatt ma' xi ħadd: **1772**.

2. Illum 19/04, **it-Tieni Ħadd tal-Għid - Ħadd il-Ħniena Divina**:
- Fil-Parroċċa tagħna infakkru wkoll **JUM ĦAL SAFI.**
- Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa (422 sena) li seħħ nhar it-13/04/1598.
- Ara Ġw 20, 29: Tumas, emmint għax rajtni, jgħid il-Mulej; henjin dawk li ma rawx u emmnu.

*Fuljett bil-Liturġija:* https://cakmalta.org/jumilmulej/NEW%20IMAGES/1129_2Haddghid.pdf
- **QARI I** - Atti 2, 42-47: Dawk li kienu jemmnu kienu lkoll flimkien u kellhom kollox bejniethom.
- **SALM RESPONSORJALI** - Salm 177 (118): Faħħru lill-Mulej, għaliex hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
- **QARI II** - 1 Piet 1, 3-9: Tana twelid ġdid li jwassalna għal tama ħajja bil-qawmien ta' Kristu.
- **L-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN** - Ġw 20, 19-31: Tmint ijiem wara ġie Ġesù.
  **Il-Knisja Parrokkjali** tiftaħ AM: bejn 8:15am u 9:15am
- o **Segwu x-xandira: AM - 09:30am: Quddiesa minn Mons. Arċisqof**
  **Il-Knisja Parrokkjali** tiftaħ PM: bejn 5:30pm u 6:30pm u jkun espost Ġesù Sagramentat.

3. Il-Ħadd 26/04, **it-Tielet Ħadd tal-Għid**:
- Ara Lq 24, 32: Mulej, Ġesù, fissrilna l-Iskrittura; ħeġġilna qalbna, int u tkellimna.

*Fuljett bil-Liturġija:* https://cakmalta.org/jumilmulej/NEW%20IMAGES/1130_3Haddghid.pdf
- **QARI I** - Atti 2, 14.22-33: Ma setax ikun li Ġesù jinżamm fl-irbit tal-mewt.
- **SALM RESPONSORJALI** - Salm 15 (16): Mulej, int tgħallimni t-triq tal-ħajja
- **QARI II** - 1 Piet 1, 17-21: Kontu mifdija bid-demm għażiż ta' Kristu, bħal Ħaruf bla tebgħa.
- **L-EVANĠELJU SKONT SAN LUQA** - Lq 24, 13-35: Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin.